MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 235/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Rose Marie Sullivan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar 2003, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn hamsa u sittin Liri Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm265.83) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99441468. Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data

meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Grech in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn hamsa u sittin Liri Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm265.83), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------